MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 95/2007

Il-Pulizija
(Spt. R. Veneziani)

Vs
Sandro (Alessandro) Caruana
Jason Zerafa
Michael Alain Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) fit-30 t'Awissu, 2006, ghall-habta tad-9.30 p.m., waqt li kienet ghaddejja attivita' (party) gewwa Exiles Waterpolo Club, li jinsab gewwa Triq it-Torri, Sliema, bhala organizzaturi ta' l-imsemmija attivita', ppermettew li jidhlu

persuni taht l-eta' ta' sittax il-sena bi ksur ta' Leg. Suss. 10.40 art 6(1);
2) Sandro (Alessandro) Caruana wahdu:
b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kirsty Camilleri hekk kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD ta' St. Luke's Hospital (Casualty), bi ksur tal-Kap. 9 Art. 225/226 (1)(b)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2007, li biha, peress illi ma xehed hadd, ma sabitx lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u ghalhekk illiberathom mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellati hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat li l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :
1. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha fin-nuqqas tax-xhieda ta' Kirsty Camilleri, (li kienet debitament notifikata sabiex tidher ghas-seduta skond fol 8 tal-process). Huwa minnu illi din il-kawza kienet soggetta ghal tlett differimenti. Pero' x-xhud li kienet daqshekk evidentement indispensabbili ghall-provi tal-prosekuzzjoni kienet notifikata. Illi gie ribadit minn dawn il-Qrati illi meta xhud ikun debitament notifikat kif ikun jirrizulta mir-riferta (bhal ma hu f'dan il-kaz fir-rigward ta' Camilleri) u tali xhud ma jidhirx quddiem il-Qorti biex jixhed, dik il-Qorti ghandha, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx iddikjarat illi rrinunzjat ghal dak ix-xhud, u kemm il-darba dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-prosekuzzjoni, tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhud skond il-ligi. Verament li fil-kaz ta' Kirsty Camilleri,

din kienet ipprezentat rikors ghal differiment kif jidher a fol. 7 tal-process. pero' din hija konferma ta' kemm kienet notifikata biex tidher u xorta wahda x-xhieda taghha kienet u hija indispensabbli. Inoltre, l-prosekuzzjoni ma rrinunzjatx ghal tali xhud, jew iddikjarat li ghalqet il-provi taghha. B'hekk id-dritt tal-Pulizija li ggib prova indispensabbli biex issahhah l-akkuza taghha gie mittiefes b'din id-decizjoni ta' dik il-Qorti.
2. Illi oltre minn hekk jidher *ictu oculi* a fol. 2 li l-prosekuzzjoni kienet resqet l-affidavit ta' PS 1136 Fabian Fleri li spjega in succinct il-fatti li waslu ghal dan il-kaz. illi ghalkemm dan ma xehedx viva voce quddiem dik il-Qorti, l-affidavit tieghu kellu jigi almenu kunsidrat minn dik il-Qorti u mhux jigi kompletament skarat. Ghalhekk il-konkluzzjoni ta' dik il-Qorti li f'din il-kawza ma kien xehed hadd, hija, bir-rispett kollu decizjoni erronea.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkonsidrat;

Jirrizulta illi minkejja x-xhud Kirsty Camilleri fl-20 ta' Frar, 2007 kienet ghamlet rikors biex titlob li ma tidhirx il-Qorti l-ghada 21 ta' Frar, 2007 ghaliex kellha l-ezamijiet tal-letteratura Ingliza f'dik il-gurnata kif jidher mid-dokument a fol. 7 tal-process, l-Ewwel Qorti xorta wahda ghaddiet ghas-sentenza w immotivat il-kawza bil-kliem "billi f'din il-kawza ma xehed hadd" meta propju kellha talba biex xhud tinstema darb'ohra minhabba r-raguni fuq moghtija.

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem il-pressjoni li biha jkunu qed jahdmu l-Qrati tal-Magistrati specjalment fis-seduti tad-distrett fejn ikollhom numru kbir ta' kawzi li huma jkunu jixtiequ illi jiddisponu minnhom, la darba l-prosekuzzjoni kellha xhud imharrek u din ix-xhud addirittura ghamlet talba b'rikors biex tigi ezentata milli tidher fil-gurnata in kwistjoni ghal raguni li prima facie kienet tidher serja u gusta, l-Ewwel Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u mhux taghmel kif ghamlet u tghaddi biex taghti s-sentenza minghajr ma tisma' x-xhud ewlieni u certament indispensabbli tal-prosekuzzjoni.

Illi, kif stabbilit ripetutament minn din il-Qorti, dan jikkostitwixxi difett serju procedurali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali u tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame,* terga' tirrinvija l-atti tal-process lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tinstema mill-gdid u tigi deciza biss wara li jixhdu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni w tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------